# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| L-EWWEL SENA | LIVELL 5-6-7 | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-Klassi:** _________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

| Taqsima | A | B | Ċ | Di | Dii | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 14 | 10 | 6 | 15 | 15 | 20 | 80 |
| Marka tal-Istudent/a | | | | | | | |

**Kummenti:**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Preżentatur tar-Redifussion




***Tafu x'inhu r-Redifussion? Dan kien speċi ta' radju li bih konna nisimgħu l-aħbarijiet u xi programmi oħrajn. U jien għandi l-unur ngħid li kont l-ewwel preżentatur raġel fuq ir-Redifussion. Jiena Charles Arrigo, preżentatur u xandar tar-radju u tat-televiżjoni Maltija.*** *(par.1)*

Twelidt fil-Belt Valletta fl-1929. Studjajt fl-Università ta' Perugia u attendejt bosta korsijiet mal-BBC fl-Ingilterra fosthom kors ta' qarrej tal-aħbarijiet u ieħor dwar kif tidher u titkellem fuq it-televiżjoni. Ħeqq, ridt inkun imħejji sewwa biex nidher u ninstema' ma' Malta kollha! *(par.2)*

Fl-1947 sirt l-ewwel preżentatur raġel mal-kumpanija tar-Redifussion. In-nies jiftakruni l-aktar għall-kummentarji li kont nagħmel fuq ir-radju u t-televiżjoni f'okkażjonijiet importanti bħal xi żjara tal-Papa jew ta' xi President barrani f'pajjiżna. Is-semmiegħa tar-Redifussion kienu wkoll jistennew bil-ħerqa l-programm li fih jien kont naqra silta minn xi rumanz bil-Malti. *(par.3)*

Apparti x-xandir, kont ukoll inħobb id-drama u kont involut fi gruppi tat-teatru. Xi wħud forsi jiftakruni wkoll fil-parti tal-Kurunell fit-teleserje "Villa Sunset" li xxandret fuq TVM. *(par.4)*



L-aħħar xandira tiegħi kienet l-ordinazzjoni tal-Isqof Mario Grech għaliex, kif jgħidu, Ħadd wara Ħadd tasal ta' kulħadd u proprju fit-13 ta' Frar 2006, il-Mulej sejjaħli għal ħdejh. Inħallikom b'messaġġ żgħir. Ftakru li l-mezzi tat-teknoloġija huma tajbin u sbieħ, u tajjeb li tinqdew bihom. Però, araw li tużawhom tajjeb, għall-ġid tagħkom u ta' sħabkom! *(par.5)*

Addattament ta' artiklu ta' Karol Debono – *Xehda Għasel* Jannar/Frar 2013

## A. TAĦRIĠ IL-FEHEM (14-IL MARKA)

1. Ir-Redifussion kien speċi ta':

   a) televiżjoni b) kompjuter ċ) radju (½ marka)

2. F'din is-silta naqraw dwar il-ħajja ta' C___________ A____________ (*par. 1*) (marka)

3. Meta u fejn twieled? (*par. 2*)

   ______________________________________________________________________ (marka)

4. Attenda bosta korsijiet f'Perugia. (*par. 2*) Veru ☐ Falz ☐ (marka)

5. Għal xiex jiftakruh l-aktar in-nies? (*par. 3*)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (2 marki)

6. Wieħed mill-programmi l-aktar mistennija tiegħu kien meta kien jaqra minn xi __________ bil-_____________. (*par. 3*) (marka)

7. X'parti kellu f'"Villa Sunset"? (*par. 4*)

   ______________________________________________________________________ (marka)

8. X'messaġġ jagħtina dwar il-mezzi tat-teknoloġija? (*par. 5*)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (2 marki)

9. "*...għandi l-unur ngħid...*" (*par. 1*) tfisser li:

   a) irbaħt midalja b) inħossni kburi ċ) inħossni ferħan (½ marka)

10. Mit-tieni paragrafu sib kelma li tfisser:

    a) ħafna __________________ b) ippreparat _________________ (2 marki)

11. Liema frażi mill-aħħar paragrafu turina li l-protagonist tas-silta m'għadux ħaj?

    ______________________________________________________________________ (marka)

12. Sib qawl mill-aħħar paragrafu.

______________________________________________________________________ (marka)

**B. IL-GRAMMATIKA** **(10 MARKI)**

1. Poġġi dawn il-kelmiet f'ordni alfabetika:

*teleserje, aħbarijiet, semmiegħa, pajjiżna*

_______________, _______________, ________________, _______________ (marka)

2. Agħmel sing taħt il-kelmiet li jibdew:

a) b'konsonanti **xemxija**: *radju, kummentarji, preżentatur, silta* (½ marka)

b) b'konsonanti **qamrija**: *xandar, żjara, qarrej, barrani* (½ marka)

3. Agħżel it-tajba: (2 marki)

a) il-kelma 'rumanz' tibda b'konsonanti ☐ ratba ☐ qawwija ☐ likwida

b) il-kelma 'programm' tibda b'konsonanti ☐ ratba ☐ qawwija ☐ likwida

ċ) il-kelma 'żgħir' tibda b'konsonanti ☐ ratba ☐ qawwija ☐ likwida

d) il-kelma 'kariga' tibda b'konsonanti ☐ ratba ☐ qawwija ☐ likwida

4. "*... tat-teknoloġija huma tajbin u sbieħ.*" (par. 5)

- Niktbu 'tajbin' u mhux 'tajjbin' għax:

a) il-'j' hija konsonanti qawwija

b) il-'j' hija konsonanti dgħajfa

ċ) il-'j' hija konsonanti ratba (marka)

5. Immarka jekk il-vokali 'i' hijiex tal-leħen jew tal-kelma:

a) *okkażjonijiet importanti* (par. 3) ☐ tal-leħen ☐ tal-kelma (½ marka)

b) *kont ukoll inħobb* (par. 4) ☐ tal-leħen ☐ tal-kelma (½ marka)

6. Imla l-vojt bl-artiklu jew bl-artiklu magħqud mal-partiċella:

*Minbarra ____imħabba _____xandir, Charles Arrigo kien iħobb ħafna ____teatru u dak kollu li għandu x'jaqsam _____drama.* (2 marki)

7. Agħti l-mamma u l-għerq ta’ dawn il-verbi: (2 marki)

| Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|
| tasal | | |
| nisimgħu | | |

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 MARKI)

Immaġina li inti għadek kif ħadt l-akbar sorpriża ta’ ħajtek. Ikteb ittra elettronika lill-ħabib/a tiegħek ta’ madwar 40-60 kelma biex tirrakkontalu/ha dwar is-sorpriża li għadek kif ħadt.

| | |
|---|---|
| Lil | maria.borg@postaelettronika.com.mt |
| Mingħand | |
| Data | Il-5 t’April 2016 |
| Suġġett | L-akbar sorpriża ta’ ħajti |

Għażiż/a ______________________________

Kif inti Maria? Nittama li kollox sew. Dalgħodu ddeċidejt li nibgħatlek għaliex tgħidx kemm ħsibt fik ilbieraħ. Lanqas ħa temmen Xi ġrali u x’sorpriża ħadt!

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

Dejjem tiegħek,

__________________________________

## D. IL-KOMPONIMENT (20 MARKA)

**Ikteb madwar 100 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti.**

1. Avventura mal-kuġini.

*Kif kien it-temp? X'ħin kien? X'kienet l-okkażjoni? Min huma l-kuġini? Fejn mortu? X'rajtu? X'sibtu? X'għamiltu? Kif spiċċat din l-avventura?*

2. Ma kinitx ċajta li mort nagħmel....

*X'okkażjoni kienet? X'kienet iċ-ċajta? Fuq min kont ser tagħmilha? Kif ippjanajtha? X'ġara? X'tgħallimt minn din l-esperjenza?*

3. L-akbar ħabib/ħabiba li għandi.

*X'jismu/jisimha? Iddeskrivi l-apparenza tiegħu/tagħha. Iddeskrivi l-karattru u l-personalità tiegħu/tagħha. Għaddejtu minn xi ġrajja partikolari flimkien? Xi tħobbu tagħmlu l-aktar flimkien? Għalfejn huwa/hija l-akbar ħabib/ħabiba li għandek?*

4. L-isbaħ rigal li qatt qlajt.

*X'kienet l-okkażjoni? Min tahulek? Iddeskrivi r-rigal fid-dettall. Għadu għandek? Għalfejn huwa speċjali?*

5. Fil-klassi tkellimtu dwar xi film li rajtu jew xi ktieb li qrajtu. Tiftakar xi film sabiħ li rajt jew xi ktieb sabiħ li qrajt? Ikteb fuqu u dwar xiex kien u spjega għaliex jogħġbok.

*X'jismu? Dwar xiex inhu? Min huma l-karattri ewlenin? Hemm xi karattri tajba jew karattri ħżiena? F'liema post u żmien huwa ambjentat? Għalfejn jogħġbok?*

## E. IL-POEŻIJA- NADRIET POETIĊI (15-IL MARKA)

1. **Qabbel kolonna A ma' B billi tpoġġi n-numru xieraq fil-kolonna tan-nofs.** (5 marki)

| **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|
| a) Fil-poeżija *San Franġisk u l-Gamiem* niltaqgħu | | jqabbel lil Toninu ma' warda. |
| b) Il-poeta Anastasju Cuschieri | | fil-poeżija *Il-Ħolma t'Alla*. |
| ċ) *Tifħira lil Malta* titkellem dwar | | tgħidilna li għandna nimxu b'rispett u qima fil-kampanja. |
| d) Il-poeżija *Il-Ħolma t'Alla* ta' Anton Buttigieg | | ma' tfajjel bil-gaġġa f'idu bil-gamiem. |
| e) Jissemmew l-għelieqi, il-widien, l-għoljiet u x-xmajjar | | dak kollu li hu Malti fosthom ix-xemx, il-ward, il-qronfol u l-għasel. |

2. **Wieġeb billi tgħid jekk hux Veru jew Falz.** (8 marki)

a) Il-poeżija *Il-Ħolma t'Alla* tibda bil-kelma "Ħabib". ______________

b) Strofi bi tliet versi jissejħu kwartini. ______________

ċ) F'*Tifħira lil Malta* jissemma' l-għasel u l-ħlewwa bnina tiegħu. ______________

d) *Tifħira lil Malta* hija poeżija patrijottika. ______________

e) It-tfajjel f'*San Franġsik u l-Gamiem* ma jobdix minn San Franġisk. ______________

f) Meta ħarġu mill-qafas, il-gamiem taru kollha madwar San Franġisk. ______________

ġ) In-nanna tinsab imdejqa f'*Ritratt ta' Toninu man-nanna*. ______________

g) Toninu u n-nanna kienu jixxiebhu f'kollox. ______________

3. **Immarka l-kliem li jirrima f'din l-istrofa billi taqta' linja taħtu.** (2 marki)

Il-Qaddis żiegħel bihom, daħkilhom
Daħka ħelwa ta' mħabba, ta' ferħ,
Rasshom miegħu, ma' sidru, fuq qalbu,
Donnu fihom sab l-hena u s-serħ.

*(San Franġisk u l-Gamiem)*

## F. IL-PROŻA – ZITO ZANDARELL (15-IL MARKA)

1. **Kompli dawn is-sentenzi billi ddaħħal il-kelma t-tajba mill-gradilja ta' hawn taħt.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| tifla | Hector | Brażil | vettura spazjali | aljen |
| Lorella | il-bjut | mamà | Zito | Buskett |

a) Il-familja Debono ltaqgħet ma' Zito meta kienu l-____________________.

b) Zito kien niżel hemm mal-familja tiegħu bil-_________________________.

ċ) Zito wera lil ta' Debono li kellu setgħa speċjali meta fejjaq lill-___________.

d) Il-familja Debono bdew jgħidu lin-nies li Zito kien ġie mill-______________.

e) Salvina qalet li Zito jagħmel is-sħarijiet meta ratu jaqbeż _________________.

f) L-iskola, Zito fejjaq l-għasfur ta' ________________.

ġ) Zito tkeċċa mill-iskola peress li omm ___________ marret tiġġieled mas-surmast.

g) Iz-ziju ta' Hector induna li Zito kien ____________.

ħ) Rocky Rospo mar għand ta' Debono u qal lis-Sur Debono biex jagħtih lil ___________.

għ) Zito rnexxielu jfejjaq lit-_________ tas-Sur Vassallo li kienet għamja.

(10 marki)

2. **Zito kien tifel partikolari li kellu ħafna poteri speċjali li kienu jagħmluh differenti ferm mit-tfal tamparu.**

Semmi żewġ poteri speċjali li kellu Zito: (2 marki)

a) ______________________________________________

b) ______________________________________________

3. **Agħżel karattru mil-lista ta' hawn taħt u ikteb madwar 20 kelma dwaru jew dwarha**.

Hector, Salvina, Stefan, Rocky Rospo, Katya

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(3 marki)

